MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2469/2002

**Rabelink International Freight (Malta) Ltd**

**Vs**

**Envirotek Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) rappresentanti l-prezz tal-freight u servizzi ancillari moghtija mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u dan skond il-fatturi esebiti ma'l-avviz u immarkati bhala Dokument A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fid-29 ta' Novembru 2002 fejn gie eccepit illi l-ammont pretiz ma

hux dovut stante illi l-partijiet ftiehmu (u dana kif jirrizulta mid-Dokument A anness mar-risposta), illi s-socjeta attrici kellha biss tirrilaxxja l-merkanzija kemm il-darba hija kellha f'idejha "*bank draft*" ghall-ammont ta' USD 1976.80 u fil-fatt il-merkanzija giet irrilaxxjata minghajr ma inghatat din il-*bank draft*, bil-konsegwenza illi s-socjeta konvenuta baqghet qatt ma thallset ghall-parti mill-ammont lilha dovut ghall-merkanzija ipprovduta.

Ra il-kontro-talba maghmula mill-istess socjeta konvenuta fejn hija tallbet il-kundanna tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-somma ta' USD 1004.60 (jew ekwivalenti f'liri Maltin), liema ammont jirrapprezenta parti mill-prezz tal-merkanzija li, minhabba fl-agir tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta bagqhet ma thallsitx ghaliha.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba maghmula mis-socjeta konvenuta fejn din it-talba giet ikkontestata stante illi skond id-dokumenti illi ghandha f'idejha s-socjeta attrici jidher illi s-socjeta konvenuta kienet thallset ghas-saldu mis-socjeta estera.

Illi inoltre minghajr pregudizzju ghal dan, in vista tal-kontro-talba tas-socjeta konvenuta, s-socjeta attrici titlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta Focal Maritime Services Company Ltd. fil-kapacita taghha ta' agent f'Malta tas-socjeta estera Sermar Line S.r.l. li hija s-socjeta li hadet hsieb it-trasport tal-merkanzija u li irrilaxxjat il-merkanzija in kwistjoni qabel ma kellha f'idejha l-imsemmi "*bank draft*".

Sema' x-xhieda ta' Ronald Naudi, in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta' Catherine Fenech ghan-nom tal-HSBC Bank (Malta) plc, Pierre Vella u ta' Malcolm Custo' in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra,

Illi fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici bhala *freight forwarders* kienet offriet is-servizz taghha sabiex tintbaghat merkanzija bil-bahar minn Malta ghat-Turkija. Ghal dan il-ghan hija kienet ibbukjat *container* mas-socjeta Focal Maritime Services Company Limited is-*shippers* li kellhom jiehdu hsieb it-trasport ta’ din il-merkanzija.

Jidher illi l-partijiet kienu ftiehmu fuq il-prezz li kellu jthallas ghal dan is-servizz u s-socjeta konvenuta kienet tat istruzzjonijiet specifici lis-socjeta attrici sabiex il-merkanzija meta tasal gewwa Istanbul ma tigiex irrilaxxjata qabel ma jircevu il-hlas minn ghand ir-ricevitur ta’ din il-merkanizja. Il-hlas tal-merkanijza kellu ikun ta’ USD1967.80. Is-socjeta attrici ghalhekk kienet infurmat lis-socjeta Focal Maritime Services Company Limited b’dawn l-istruzzjonijiet.

Illi l-kontestazzjoni maghmula mis-socjeta konvenuta tikkoncerna il-fatt illi l-merkanijza fil-fatt giet irrilaxxjata minghajr ma huma ircevew il-hlas kif miftiehem permezz ta’ *bank draft* u minflok il-merkanzija giet irrilaxxjata meta is-socjeta attrici giet murija dokument li kien jikkonsisti f’*bank transfer*, liema *transfer* ma giex ipprocessat mill-bank lokali u intbaghat lura. Illi sussegwentement l-importatur hallas biss parti mill-prezz dovut biex b’hekk illum ghad fadal bilanc ta’ Lm436.73 li ghadu ma thallasx u ghalhekk huma qeghdin jitolbu illi s-socjeta attrici thallashom dana l-ammont in linea ta’ danni stante illi hija kissret il-ftehim iffirmat bejniethom fil-25 ta’ April 2002, li jinsab esebit a fol.7 ta’l-atti processwali.

Is-socjeta attrici min-naha taghha tikkontesta l-fatt illi hija kissret dan il-ftehim stante illi hija tikkontendi illi l-agenti tas-socjeta Focal Maritime Services Company Limited gewwa Istanbul kienu ikkonfermaw illi fil-fatt huma kienu ircevew dan il-hlas qabel ma irilaxxjaw il-merkanzija u dana skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Illi mid-dokument RN1 fil-fatt jirrizulta illi l-ammont dovut kien gie iddepozitat direttament gewwa il-kont bankarju f’Malta tas-socjeta konvenuta mal-HSBC Bank (Malta) plc.

Fil-fatt ix-xhud Ronald Naudi jikkontendi illi huwa kien ikkonferma illi fil-fatt dawn il-flus kienu gew iddepozitati qabel ma ta istruzzjonijiet lill-agenti tal-Focal Maritime sabiex jirrilaxxjaw il-merkanzija. Dana gie ukoll ikkonfermat minn Catherine Fenech li xehdet in rappresentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc. Hija tikkonferma illi fil-15 ta’ Mejju 2002 kien sar pagament fejn il-bank Malta kien irceva l-ammont ta’ USD1949 u dana ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Madanakollu peress illi dan it-*transfer* ma kienx fih id-dettalji necessarji sabiex l-istess pagament jigi ipprocessat (bhal numru ta’ kont u dettalji tal-beneficarju f’dan il-kaz is-socjeta konvenuta), huma kellhom jitolbu l-informazzjoni necessarji mill-bank gewwa New York, u fil-21 ta’ Mejju 2002, huma ircevew istruzzjonijiet minn dan il-bank sabiex il-flus jergghu jintbaghtu lura u hekk fil-fatt kien sar.

Illi ghandu jinghad illi s-socjeta konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi l-merkanzija kient giet irrilaxxjata meta s-socjeta attrici kienu ircevew id-dokumenti esebieti a fol.19 sa 21 tal-process in konnessjoni ma *swift bankdraft*, izda skond Malcolm Custo dana kien sar gewwa bank fejn huma ma ghandhom l-ebda kontijiet u li kien ghalhekk illi fil-fatt il-flus intbaghtu lura lill-mittenti. Inoltre s-socjeta konvenuta qatt ma kienet giet avvicinata la mill-HSBC Bank (Malta) plc sabiex jinfurmawhom illi huma kienu ircevew il-flus taghhom u lanqas mis-socjeta attrici sabiex javzawhom illi l-flus intbaghtu. Illi kopja tas-*swift bank transfer* wasal f’idejn is-socjeta konvenuta biss wara illi l-merkanzija giet irrilaxxjata. Illi gie esebiet prospett minn Malcolm Custo ghan-nom tas-socjeta konvenuta esebiet a fol.45 tal-process (Dokument MC1) minn fejn jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ma hijiex qed tikkontesta il-fatt illi hija ghandha thallas lis-socjeta attrici l-ammont mitlub, izda qieghda tippretendi minn ghand l-istess socjeta attrici il-bilanc tal-prezz tal-merkanzija li ghadu mhux imhallas biex b’hekk hija qed tippretendi l-hlas biss tal-bilanc bejn dawn iz-zewg cifri fl-ammont ta’ Lm66.73

Ikkunsidra,

Illi mill-provi u id-dokumenti esebieti jirrizulta illi l-iskop tal-ftehim maghmul bejn il-partijiet kien sabiex jigi assigurat il-hlas tal-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata qabel ma'l-istess tigi irrilaxxjata favur l-importatur. Illi li kieku ghal grazzja ta'l-argument ma inqalghux problemi mal-bank lokali fis-sens illi ma reditx tipprocessa dawn il-flus ghaliex ma kienx hemm kont bankarju f'isem is-socjeta konvenuta u allura qabbdet u minn jeddha baghtet il-flus lura, certament illi s-socjeta konvenuta ma kenitx tikkontendi illi s-socjeta attrici kienet naqqset mill-ftehim maghmul.

Illi jirrizulta illi  ghalkemm il-flus kienu intbaghtu Malta fil-15 ta' Mejju 2002, kien biss fil-21 ta' Mejju u cioe' sitt ijiem wara illi l-bank kien baghat il-flus lura. Huwa ghalhekk inverosimili illi s-socjeta konvenuta f'dan iz-zmien ma kenitx taf illi l-flus kienu intbaghtu Malta u li l-merkanzija kienet fil-fatt giet irrilaxxjata. Kien biss allura meta ma ircevietx il-pagament ghal merkanzija illi hija ressqet 'il quddiem l-allegazzjoni illi s-socjeta attrici kienet kissret il-ftehim maghmul.

Illi certament illi s-socjeta attrici ma ghandhiex tbati ta' nuqqas ta' terz, u cioe' f'dan il-kaz minhabba burokrazija zejda li sfortunatament wiehed ikollu isofri min-naha ta'l-istituzzjonijiet bankarji, liema bank seta' facilment informa lis-socjeta konvenuta illi huwa kellu flus ghalihom fil-pussess tieghu sabiex huma jirrimedjaw ghall-problema li kienet inqalghet minhabba il-fatt illi huma ma kellhomx kontijiet bankarji mieghu. Mhux biss dan talli l-istess bank ghogbu inaqqas minn dan l-ammont *bank charges* talli naqas milli jaghmel dak mitlub lilu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal jikkonkludi, u dana anke fuq bazi ta' ekwita', illi is-socjeta attrici kienet esegwiet dak ordnat lilha li taghmel mis-socjeta konvenuta u jidher illi l-merkanzija kienet giet irrilaxxjata biss wara illi l-istess socjeta attrici kienet irceviet id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex tassigura ruhha illi fil-fatt l-importatur kien hallas lis-socjeta konvenuta. Fil-fatt anke l-istess socjeta konvenuta mill-prospett esebit a fol.45 tal-process esebit fil-kors tax-xhieda ta' Malcolm Custo', ma jidhirx illi qed tikkontesta l-fatt illi hija ghandha thallas lis-socjeta

attrici ghas-servizz lilha moghti. Illi anke f’dan ir-rigward it-Tribunal ihoss illi s-socjeta konvenuta kellha taghzel liema linja difenzjonali sejra tadotta u mhux tikkontendi illi l-ammont pretiz ma huwiex dovut, imbaghad fil-kors tal-provi tindika illi dan l-ammont huwa fil-fatt dovut, izda li ghandu jitnaqqas mill-ammont illi hija sussegwentement qieghda tippretendi fil-kontro-talba minnha imressqa biex b’hekk tasal ghal konkluzjoni illi fil-fatt hija qieghda tippretendi biss il-bilanc minn dawn iz-zewg cifri ta’ Lm66.73 u mhux Lm436.73 jew USD972.20!

Illi fuq kollox jispetta lis-socjeta konvenuta illi tfittex lis-socjeta Torka li lilha intbaghtet il-merkanzija ghal bilanc li ghadu dovut (haga illi mill-provi ma jidhirx illi saret) u mhux li tippretendi l-istess hlas minn ghand is-socjeta attrici, ghaliex altrimenti jekk fil-fatt l-hlas eventwalment isir min-naha tas-socjeta Torka (kif fil-fatt sar ta’ parti mill-prezz), allura dan ikun kaz ta’ arrikkiment indebitu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta u l-kontro-talba ta’l-istess, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------